VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,427, 19 ta' Mejju, 2015
Taqsima B

A.L. 161 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' International Master of Science in Community Psychiatric Nursing – M.Sc. (CPN) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' International Master of Science in Community Psychiatric Nursing – M.Sc. (CPN) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat wara konsultazzjoni mal-Università Msieħba;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Community Psychiatric Nursing – M.Sc. (CPN);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' International Master of Science in Community Psychiatric Nursing – M.Sc. (CPN);

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Community Psychiatric Nursing – P.G.Dip. (CPN);

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"is-Senat" tfisser is-Senat tal-Università ta' Malta;

"l-Università" tfisser l-Università ta' Malta; u

"l-Università Msieħba" tfisser il-University of Southern Indiana, U.S.A.

(3) Dan il-Grad huwa grad ta' Master Internazzjonali tal-Università u dan għandu jfisser li l-Kors huwa mgħallem fl-Università bil-kollaborazzjoni tal-Università Msieħba fi ħdan qafas ta' programm għal grad doppju. Il-Grad jingħata biss jekk iż-żewġ universitajiet jiddikjaraw li l-istudent huwa eliġibbli biex jingħata r-rikonoxximent.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Settembru 2015 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom jew:

(i) grad tal-ewwel ċiklu fil-psikjatrija jew fil-mental health nursing miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri, jew bi klassifikazzjoni ekwivalenti; jew

(ii) grad tal-ewwel ċiklu fin-nursing miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri, jew bi klassifikazzjoni ekwivalenti, u minimu ta' sentejn esperjenza ta' prattika f'ambjenti tal-psikjatrija jew tal-mental health nursing meqjusa bħala rilevanti mill-Bord tal-Istudji; jew

(iii) għotja ta' wara l-ewwel grad fil-psikjatrija jew fil-mental health nursing miksuba wara l-grad tal-ewwel ċiklu.

(2) Is-Senat, fuq il-parir tal-Bord, jista' jillimita l-għadd ta' applikanti li jistgħu jidħlu fil-Kors. Meta n-numru ta' postijiet ikun limitat u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti għandhom jintgħażlu wara intervista, skont dawn il-kriterji li ġejjin, miftiehma miż-żewġ universitatjiet imsieħba:

(i) it-tip u l-klassifikazzjoni tal-grad – 40%;
(ii) l-esperjenza fil-qasam – 20%;
(iii) l-ittra ta' motivazzjoni – 30%; u
(iv) ir-referenzi – 10%.

(3) Il-bord tal-intervisti għandu jkun maħtur mill-Bord u għandu jkun magħmul tal-anqas minn tliet membri.

(4) Il-bord tal-intervisti jista' jagħmel użu minn mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni, biex jagħmel l-intervisti mal-applikanti.

VERŻJONI ELETTRONIKA

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time.*

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS ikunu assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u kliniċi u 30 krettu ECTS ikunu assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għal taqsimiet studju mgħallma b'marka medja tal-anqas ta' 50% u li ma jkomplux bl-istudji tagħhom fil-Kors, jew li jkunu komplew iżda ma jkunux temmew id-dissertazzjoni b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-Postgraduate Diploma.

(3) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) L-istudenti li fi kwalunkwe sena akkademika jeħlu mill-valutazzjoni ta' mhux aktar minn żewġ taqsimiet studju mgħallma għandom jingħataw l-opportunità li jerġgħu jagħmlu l-valutazzjonijiet li ma għaddewx minnhom waqt is-sessjoni tal-eżamijiet skedata li jmiss (Mejju jew Settembru).

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' taqsimiet studju stipulati fil-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew dawk l-istudenti li wara li jiġu evalwati mill-ġdid ma jiksbux il-kretti fi kwalunkwe taqsima studju, ikunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

(4) L-istudenti għandhom jgħaddu kemm mill-valutazzjonijiet ta' xogħol teoretiku u tax-xogħol kliniku sorveljat fit-taqsimiet studju li fihom dawn l-elementi.

(5) L-istudenti li ma jgħaddux mill-komponent kliniku sorveljat ma jkollhomx id-dritt għal valutazzjoni supplimentari u jkunu meħtieġa jagħmlu l-komponent mill-ġdid matul sena addizzjonali ta' studju. Din is-sena addizzjonali ma tingħaddx għall-iskop tat-tul tal-Kors.

Id-Dissertazzjoni

7. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 20,000 kelma, skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir matul it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji mhux aktar tard minn xahar qabel il-bidu tat-tieni semestru.

8. (1) L-istudenti għandhom ikollhom kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jissottomettu rapport fuq kull student taħt is-superviżjoni tagħhom lill-Bord tal-Istudji. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord tal-Istudji ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

9. (1) Kull dissertazzjoni għandha tkun eżaminata mnn Bord tal-Eżaminaturi magħmul minn għall-anqas tliet eżaminaturi li jirrappreżentaw iż-żewġ universitajiet imsieħba.

(2) L-istudenti jistgħu jkunu meħtieġa joqogħdu għal eżami *viva voce* biex jiddefendu d-dissertazzjoni tagħhom u din tista' ssir ukoll bl-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni jekk dan ikun approvat mill-Bord tal-Istudji.

(3) L-istudenti li d-dissertazzjoni tagħhom ma tkunx sodisfaċenti jistgħu jew jeħlu jew ikunu meħtieġa mill-Bord tal-Eżaminaturi li jerġgħu jiktbu d-dokument sħiħ jew parti minnu, u jissottomettu d-dissertazzjoni għall-eżami mill-ġdid. L-istudenti jistgħu jerġgħu jissottomettu d-dissertazzjoni tagħhom mill-ġdid mhux aktar tard minn sitt xhur minn notifikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

10. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Iċ-Ċertifikat tar-Rikonoxximent

11. Iċ-ċertifikat mogħti mill-Università għandu jinkludi dikjarazzjoni li tindika li l-Università Msieħba tat separatament grad għat-tmiem b'suċċess tal-istess Kors.